**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2004**

Taqsima ta’ L-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem:____________________________________ Klassi:__________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 22 | 6 | 7 | 7 | 10 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet :



# X'Se Nagħmlu Bl-Iskart?

Il-problema ta' l-iskart qiegħda tolqotna lkoll u għalhekk jinħass il-bżonn tal-kooperazzjoni ta' kulħadd. Hemm bżonn li l-iskart innaqqsuh, nerġgħu nużawh u nirriċiklawh. Dan il-proġett beda f'ħafna pajjiżi, fosthom l-Amerka, il-Kanada u l-Ingilterra. *(par. 1)*

Aħna lkoll nistgħu ngħinu biex innaqqsu l-iskart billi nixtru xorb fi fliexken tal-ħġieġ għax dawn ma jintremewx. Nistgħu nieħdu l-ħobż f'xi kaxxa minflok f'boroż tal-plastik. Nagħmlu tajjeb ukoll jekk nixtru oġġetti ta' kwalità tajba u nibżgħu għalihom ħalli jservuna aktar. *(par. 2)*

Nistgħu, iżda, nerġgħu nużaw l-iskart ukoll. Il-karti u l-pitazzi li għad fadlilhom spazju vojt jistgħu jintużaw bħala karti għar-*rough.* Il-*covers* tal-pitazzi, per eżempju, jistgħu jintrefgħu minn sena għal oħra. Nistgħu nużaw il-kartolini bħala *bookmarks* jew, jekk ikollna xi kartun, naraw humiex tajbin għal xi użu ieħor. *(par. 3)*

L-iskart jista' jiġi rriċiklat ukoll. Il-fliexken tal-ħġieġ jistgħu jerġgħu jittieħdu lil tal-ħanut. Nistgħu nibagħtu karti użati jew gazzetti lil xi fabbriki li jipproduċu karta riċiklata. Kotba li m'għandniex bżonnhom aktar jistgħu jingħataw lil xi librerija. Minn fdalijiet ta' l-ikel jista' jsir il-kompost. Fuq kollox, nistgħu nixtru prodotti riċiklati bħalma huma l-karti u l-kartolini. *(par.4)*

L-iskart fih ħafna riżorsi. Permezz tar-riċiklaġġ dawn ir-riżorsi jinġabru u jerġgħu jsiru prodotti tajbin għall-użu. Ir-riżorsi huma karti, ħġieġ, metall u plastik. Ikun ideali kieku nibdew nisseparaw l-iskart mid-djar tagħna. Dan jista' jsir billi niġbru għalihom ikel u weraq, karti, plastik, metall, ħġieġ trasparenti u ħġieġ ikkulurit. *(par. 5)*

L-iskart jista' jinħaraq ukoll biex jitnaqqas. Dan, iżda, jipproduċi gassijiet u sustanzi tossiċi. Hawn min jgħid li meta l-miżbla tal-Magħtab ma tesax skart aktar għandu jkollna miżbliet oħrajn, iżda din mhijiex is-soluzzjoni għax in-nies li joqogħdu qrib tal-miżbla jiġu affettwati minn sustanzi velenużi u minn irwejjaħ jintnu. Barra minn hekk jasal iż-żmien li miżbliet ġodda jimtlew ukoll. *(par. 6)*

(Addattament minn artiklu mħejji mill-*Fondazzjoni Natura - Sagħtar,* Mejju 2002)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Liema proġett beda diġà jitħaddem f'ħafna pajjiżi? *(par. 1)*

____________________________________________

____________________________________________ (2)

2. L-artiklu jsemmi li nagħmlu tajjeb jekk nużaw xi kaxxa, ngħidu aħna, minflok il-boroż tal-plastik. *(par. 2)* Għaliex? ____________________________

____________________________________________ (1)

3. Semmi mezz wieħed kif tista' terġa' tuża l-iskart. *(par. 3)* ____________________

____________________________________________ (1)

4. Semmi żewġ mezzi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-karti biex turi kif l-iskart jista' jiġi rriċiklat. *(par. 4)* ____________________________

____________________________________________ (2)

5. Xi jfisser riċiklaġġ? *(par. 5)* ____________________________

____________________________________________ (1)

6. Għalkemm l-iskart jista' jinħaraq biex jitnaqqas, xorta waħda jista' jkun ta' ħsara. Għaliex? *(par. 6)* ____________________________

____________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. a) Mit-tieni paragrafu ikteb l-espressjoni li tfisser *nieħdu ħsiebhom.*___________ (1)

   b) Mill-ħames paragrafu liema hija l-espressjoni li tfisser *nifirduhom* ?_________ (1)

2. Mis-sitt paragrafu, ikteb il-kliem li juri min jiġi affettwat minn sustanzi velenużi u rwejjaħ jintnu. ____________________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

1. X'nistgħu ngħidu minflok *m'għandniex bżonnhom* tar-raba' paragrafu ?

____________________________ (1)

2. Mis-sitt paragrafu ikteb iż-żewġ aġġettivi li jfissru l-istess iżda huma miktubin differenti.

______________________ ______________________ (2)

(iii) **SINTASSI/SENTENZI**

1. Imla l-vojt b'dan il-kliem: (*minkejja, kull meta, b'danakollu*)

________________ nkun ħierġa jara x'jinqala', iżda _____________________ xorta jirnexxili mmur fejn irrid, ______________________ d-diffikultajiet. (3)

2. Agħżel il-kelma t-tajba biex timla l-vojt.

Mort _____________ ( ma', għand ) sħabi ċ-ċinema biex nara film. (1)

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Qabbel il-kelma mal-kaxxa adattata billi timmarka (✓) (3)

| **KELMA** | **PLURAL SĦIĦ** | **KOLLETTIV** | **PLURAL MIKSUR** |
|---|---|---|---|
| fliexken | | | |
| xorb | | | |
| miżbliet | | | |

2. Agħmel sing taħt il-kelma li fiha l-vokali tal-leħen **i**.

a) l-iskart, l-ikel, l-impjant, l-interessi (1)

b) Agħmel sing taħt il-partiċella li hija differenti u għid għaliex.

bħal oħti, bħall-qattus, bħal tiegħek, bħal Paul. (1)

Għaliex ? ________________________________________________________ (1)

3. Sib l-aġġettiv li jaqbel man-nom u qiegħdu fit-tielet kolonna. (2)

| **NOM** | **AĠĠETTIV** | **TWEĠIBA** |
|---|---|---|
| ħġieġ | imkissrin, imkisser | |
| ilbies | imqattgħa, imqatta' | |

4. Imla l-vojt b'nom imnissel mill-kliem tal-ġenb. (4)

| **SENTENZA** | **KELMA** |
|---|---|
| a. L- _____________ huwa meħtieġ għal saħħitna. | raqda |
| b. Huwa tal-_________________ li nħammġu l-ambjent. | staħa |
| ċ. Tisma' ħafna ________________ dwar il-miżbla tal-Magħtab. | gerger |
| d. Ħafna_______________attendew il-konferenza dwar ir-riċiklaġġ ta' l-iskart. | stedina |

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

**QWIEL – (Alla / Tama u Sabar)**

**jaf meta, jistenna, għin ruħek**

Fl-ispazju ikteb il-kelma mill-kaxxa biex tifforma l-qawl. Fisser il-qwiel.

1. Min ______________ jithenna.

   **Tifsira** ____________________________________________

   ____________________________________________

2. ____________________ biex Alla jgħinek.

   **Tifsira** ____________________________________________

   ____________________________________________

3. Xemx u xita Alla __________________________.

   **Tifsira** ____________________________________________

   ____________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Immaġina li l-karattri ta' l-istampa huma tnejn min-nies li taf. Ikteb madwar 50 kelma dwarhom.



____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (7 marki)

Ikteb madwar 50 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn is-suġġetti.

| | |
|---|---|
| 1. Il-Wirt Arkitettoniku Malti | 5. Il-Festi Maltin |
| 2. Ir-Riti tal-Passaġġ | 6. Is-Snajja' Popolari |
| 3. Il-Poeżija Popolari | 7. Il-Logħob Folkloristiku Malti |
| 4. In-Narrattiva Popolari | |

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA –NADRIET 1 (10 marki)

Imla skond kif mitlub.

a. *Tifħira Lil Malta* ta' Ġan Anton Vassallo hija poeżija ______________________ għax tfaħħar lil Malta. (1)

b. Fil-poeżija *Lil Ommi,* Rużar Briffa jitlob lil ommu ħafna affarijiet. Semmi waħda minnhom. _____________________ (1)

ċ. Fil-poeżija *L-Għasfur*, x'jixtieq li jkollu Ninu Cremona biex ikun bħall-għasfur? _____________________________________________ (1)

d. Dun Karm, fejn ra l-bjuda filgħodu fil-poeżija *Bjuda* ? ___________________ (1)

e. X'tip ta' poeżija hija *Bjuda* ? ___________________________________ (1)

f. F'madwar ħames linji ikteb fi kliemek x'jgħid Dun Karm fil-poeżija *Bjuda*. (5)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

| **F. (ii) LETTERATURA – PROŻA** | (20 marka) |
|---|---|

**Fra Martin u Novelli Oħra** ta' Ġużè Chetcuti

**Fra Martin, Toninu, Il-Karus**
Agħżel storja li l-iżjed laqtitek u għid għaliex f'mhux inqas minn 3 linji. (3)

Isem l-istorja - ______________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

**Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ (3)

Agħti aġġettiv għal kull karattru fl-ewwel kolonna.

| KARATTRI | AĠĠETTIV |
|---|---|
| Is-Sinjura Lwiża | |
| Mojra | |
| Ix-Xiħ Tal-Bastun | |



**Stejjer tal-Linka** – Sedqa

Qabbel l-istorja mat-tagħrif billi timmarka (✓). (4)

| **L-istorja** | Tnejn u tnejn jagħmlu erbgħa. Hekk tibda l-istorja. | Kull filgħodu tingħad talba għall-bżonnijiet ta' tfal anqas ixxurtjati. | Toni u Ġorġ jitkellmu dwar logħba waqt li qed isir test. | L-awtur jiddejjaq imur l-iskola f'jum tar-Rebbiegħa. |
|---|---|---|---|---|
| **L-iskola** | | | | |
| **Paġna miktuba bl-idejn** | | | | |
| **Oqogħdu kwieti** | | | | |
| **Jason Grima** | | | | |

**Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra

Ikteb sentenza dwar kull wieħed minn dawn il-karattri. (10)

| | |
|---|---|
| **Helen** | |
| **John** | |
| **Marthese** | |
| **Pawlu** | |
| **Frankie** | |

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Ħbieb sinċieri u ħbieb ta' l-isem biss. Ikkummenta.
2. Ikteb fid-djarju tiegħek dwar ġurnata mill-vaganzi tas-Sajf.
3. Tgħidx x'gost ħadt dakinhar tal-festin tal-magħmudija tal-kuġin/a !
4. X'differenza rajt bejn l-iskola sekondarja u l-iskola primarja fejn kont tattendi s-sena l-oħra?
5. Iddeskrivi d-dar il-ġdida tal-villeġġjatura.